Nru. 18,004
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru, 2006
Friday, 1st December, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1004

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (ATT XV TA' L-2001)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skond id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Att XV ta' l-2001), approva illi l-persuni li ġejjin ikunu nominati fuq il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għall-perijodu ta' sena b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2006.

Chairperson
Is-Sur Victor Scicluna, CPAA, MIA

Deputat Chairperson
Dott. Godwin Grima, BA (Rel Studies), LL.D., LTCL, *Principal Permanent Secretary*

Membri
Is-Paul Abela, President tal-*General Retailers and Traders Union*

Dott. Gabby Pace, CEO tal-Forum Malta fl-Ewropa, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, tirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA, President tal-Federazzjoni ta' l-Industrija ta' Malta.

Is-Sur Michael C Bonello, MA(Oxon), Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, jirrapreżenta l-Finanzi

Is-Sur Joseph Ebejer, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jirrapreżenta l-Politika Soċjali

Is-Sur Pierre Fava, President ta' l-Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem ta' Malta.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1004

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (ACT XV OF 2001)

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development (Act XV of 2001), has approved that the following persons be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development for a period of one year as from the 29th September, 2006.

Chairperson
Mr Victor Scicluna, CPAA, MIA

Deputy Chairperson
Dr Godwin Grima, BA (Rel Studies), LL.D., LTCL, Principal Permanent Secretary

Members
Mr Paul Abela, President of the General Retailers and Traders Union

Dr Gabby Pace, CEO of Forum Malta fl-Ewropa, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

Mr Adrian Bajada, ACEA, FFA, AMIA, CSA, President of the Malta Federation of Industry.

Mr Michael C Bonello, MA(Oxon), Governor of the Central Bank of Malta

Mr Alfred Camilleri, Permanent Secretary, Ministry of Finance, representing Finance

Mr Joseph Ebejer, Permanent Secretary, Ministry for the Family and Social Solidarity, representing Social Policy

Mr Pierre Fava, President of the Malta Employers' Association

Is-Sur Victor A. Galea, BA, MBA, President tal-Kamra tal-Kummerċ u Intrapriża ta' Malta

Is-Sur Gejtu Mercieca, Deputat Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union

Is-Sur William Portelli, President tal-Konfederazzjoni tat-*Trade Unions* ta' Malta

Is-Sur Joseph Rapa, BA(Hons) Publ.Admin, MBA, Direttur Ġenerali (Politika Ekonomika), Ministeru tal-Finanzi, jirrapreżenta l-Affarijiet Ekonomiċi

Is-Sur Gejtu Vella, Segretarju Ġenerali tal-Union Ħaddiema Magħqudin

Is-Sur Josef Formosa Gauci, President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u Ristoranti ta' Malta

Is-Sur Tony Zarb, Segretarju Ġenerali tal-General Workers' Union

Membri Sostituti

Is-Sur Norman Aquilina, Dip Bus Studies, jirrapreżenta l-Kamra tal-Kummerċ u Intrapriża ta' Malta

Is-Sur Joseph Camilleri, DPA, Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, jirrapreżenta l-Politika Soċjali

Ms Moira Catania, B.Comm, BA (Hons) (Economics), MA (European Studies), Ministeru tal-Finanzi, jirrapreżenta l-Affarijiet Ekonomiċi

Is-Sur Mario Debattista, BA Hons (Pub Admin), Ministeru tal-Finanzi, jirrapreżenta l-Finanzi

Is-Sur Joseph Farrugia, jirrapreżenta l-Assoċjazzjoni ta' min Ihaddem ta' Malta

Is-Sur Vincent Farrugia, BA(Hons)Econ, D.Econ, Direttur Ġenerali tal-General Retailers and Traders Union.

Is-Sur Martin Galea, ACA, Deputat President tal-Federazzjoni ta' l-Industrija ta' Malta

Dott. Martin Balzan, jirrapreżenta l-Konfederazzjoni tat-*Trade Unions* ta' Malta

Is-Sur Charles Inguanez, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jirrapreżenta l-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sur Michael Parnis, Dipl.Ind.Rel, jirrapreżenta l-General Workers' Union.

Is-Sur George Schembri, *Chief Executive Officer,* jirrapreżenta l-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u Ristoranti ta' Malta

Is-Sur David A Pullicino, ACIB, jirrapreżenta l-Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Salv Sammut, Dip Soc. Studies (Ind Rel), jirrapreżenta l-General Workers' Union

Is-Sur Gaetano Tanti, jirrapreżenta l-Union Ħaddiema Magħqudin

L-1 ta' Diċembru, 2006

OPM/181/2001/II

Mr Victor A. Galea, BA, MBA, President of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise

Mr Gejtu Mercieca, Deputy Secretary General of the General Workers' Union

Mr William Portelli, President of the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Joseph Rapa, BA(Hons) Publ. Admin, MBA, Director General (Economic Policy), Ministry of Finance, representing Economic Affairs

Mr Gejtu Vella, Secretary General of the Union Ħaddiema Magħqudin

Mr Josef Formosa Gauci, President of the Malta Hotels and Restaurants Association

Mr Tony Zarb, Secretary General of the General Workers' Union

Substitute Members

Mr Norman Aquilina, Dip Bus Studies, representing the Malta Chamber of Commerce and Enterprise

Mr Joseph Camilleri, DPA, Ministry for the Family and Social Solidarity, representing Social Policy

Ms Moira Catania, B.Comm, BA (Hons) (Economics), MA (European Studies), Ministry of Finance, representing Economic Affairs

Mr Mario Debattista, BA Hons (Pub Admin), Ministry of Finance, representing Finance

Mr Joseph Farrugia, representing the Malta Employers' Association

Mr Vincent Farrugia, BA(Hons)Econ, D.Econ, Director General of the General Retailers and Traders Union.

Mr Martin Galea, ACA, Deputy President of the Malta Federation of Industry

Dr Martin Balzan, representing the Confederation of Malta Trade Unions

Mr Charles Inguanez, Ministry of Foreign Affairs, representing European Union Affairs

Mr Michael Parnis, Dipl.Ind.Rel, representing the General Workers' Union.

Mr George Schembri, Chief Executive Officer, representing the Malta Hotels and Restaurants Association

Mr David A Pullicino, ACIB, representing the Central Bank of Malta

Mr Salv Sammut, Dip Soc. Studies (Ind Rel), representing the General Workers' Union

Mr Gaetano Tanti, representing the Union Ħaddiema Magħqudin

1st December, 2006

Nru. 1005

MINISTERU TAL-FINANZI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mario Debattista, B.A. (Hons.) Pub. Admin., bħala Direttur Ġenerali (Politika u Amministrazzjoni Finanzjarja) fil-Ministru tal-Finanzi b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2006.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1005

MINISTRY OF FINANCE

Appointment of Director General (Financial Policy and Management)

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mario Debattista, B.A. (Hons.) Pub. Admin., as Director General (Financial Policy and Management) within the Ministry of Finance with effect from 1st November 2006.

1st December, 2006

Nru. 1006

MINISTERU TAL-FINANZI

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Teżor) u Funzjonijiet ta' *Accountant General*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Noel Camilleri, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A. (Bath, UK), bħala Direttur Ġenerali (Teżor) fil-Ministru tal-Finanzi b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2006.

Is-Sur Noel Camilleri, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A. (Bath, UK), assuma wkoll il-funzjonijiet ta' *Accountant General* (ħlief sa fejn għandu x'jaqsam ma' kuntratti) b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2006.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1006

MINISTRY OF FINANCE

Appointment of Director General (Treasury) and Functions of Accountant General

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Noel Camilleri, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A. (Bath, UK), as Director General (Treasury) within the Ministry of Finance with effect from 1st November 2006.

Mr Noel Camilleri, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.B.A. (Bath, UK), has also assumed the functions of Accountant General (except in so far as it relates to contracts) with effects from 1st November 2006.

1st December, 2006

Nru. 1007

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1007

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Paul Scerri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	28 – 29.11.2006

L-1 ta' Diċembru, 2006

1st December, 2006

Nru. 1008

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Michelle Bonello	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	4 – 8.12.2006

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1008

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

1st December, 2006

Nru. 1009

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUNTRATTI)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Alfred Camilleri	Direttur Ġenerali *Director General*	Kuntratti *Contracts*	23.10.2006

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1009

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONTRACTS)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

1st December, 2006

Nru. 1010

ATT DWAR IL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL (KAP. 462)

Ħatra ta' Membru fuq il-Kunsill tat-Tfal

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 12 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal , u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali ħatret lil Dott. Marthese Portelli, LL.D., bħala membru fuq il-Kunsill għat-Tfal. Din il-ħatra hi valida sat-18 ta' Jannar, 2007.

Il-ħatra ta' Dott. Anna Felice, LL.D., bħala membru tal-Kunsill għat-Tfal, ippubblikata fl-14 ta' Frar, 2006, hija b'din imħassra.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1010

COMMISSIONER FOR CHILDREN ACT (Cap.462)

Appointment of Member of the Council for Children

IN exercise of the powers conferred by Section 12 of the Commissioner for Children Act, and for the purpose of this Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has appointed Dr Marthese Portelli, LL.D., as a member of the Council for Children. This appointment is valid up to the 18th January, 2007.

The appointment of Dr Anna Felice, LL.D., as a member of the Council for Children, published on the 14th February, 2006, is hereby revoked.

1st December, 2006

Nru. 1011

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Bord dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Bord dwar il-Kontroll tal-Pestiċidi għas-snin 2006 - 2007 huwa magħmul kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Martin Seychell, B.Pharm.Tech (Hons)

Membri
Dott. Marica Gatt, B.Sc., M.Sc.(CIHEAM), Ph.D
Is-Sur Anton Pizzuto, M.Sc., Dip.Env.Mgmt., C.Biol., F.R.S.H.
Is-Sur Frank Muscat
Is-Sur David Dandria, B.Sc. (Hons) Lond, A.R.C.S.
Dott. George Peplow, B.Sc.(Hons) Lond, M.Sc.(Salford), Ph.D. (Salford), F.R.S.C.
Ms Charmaine Ajao Vassallo, B.Sc. (Hons), M.Sc.
Ms Mary Doris Gambin, B.Sc., M.Sc (Food Science)
Ms Paula Grech Bonnici, B.Sc., M.Sc.
Is-Sur Cedric Camilleri, B.Sc. (Hons)
Ms Ingrid Borg, B.Sc (Hons) Biology & Chemistry

Segretarju
Is-Sur Joseph John Vella, B.Pharm (Hons.) M.Sc (Agric.Vet.Pharm.)

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1011

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Pesticides Control Board

IT is notified for general information that the Pesticides Control Board for the years 2006-2007 is composed as follows:

Chairperson
Mr Martin Seychell, B.Pharm.Tech (Hons)

Members
Dr Marica Gatt, B.Sc., M.Sc.(CIHEAM), Ph.D
Mr Anton Pizzuto, M.Sc., Dip.Env.Mgmt., C.Biol., F.R.S.H.
Mr Frank Muscat
Mr David Dandria, B.Sc. (Hons) Lond, A.R.C.S.
Dr George Peplow, B.Sc.(Hons) Lond., M.Sc. (Salford), Ph.D. (Salford), F.R.S.C.
Ms Charmaine Ajao Vassallo, B.Sc. (Hons), M.Sc.
Ms Mary Doris Gambin, B.Sc., M.Sc (Food Science)
Ms Paula Grech Bonnici, B.Sc., M.Sc.
Mr Cedric Camilleri, B.Sc. (Hons)
Ms Ingrid Borg, B.Sc (Hons) Biology & Chemistry

Secretary
Mr Joseph John Vella, B.Pharm (Hons.) M.Sc (Agric.Vet.Pharm.)

1st December, 2006

Nru. 1012

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Kumitat Ornis

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li s-Sur Mark Gauci nħatar membru tal-Kumitat Ornis b'seħħ mit-22 ta' Novembru 2006.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1012

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Ornis Committee

IT is notified for general information that Mr Mark Gauci has been appointed member of the Ornis Committee with effect from the 22nd November 2006.

1st December, 2006

Nru. 1013

AKKWIST TA' ART

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 984 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,000 tat-22 ta' Novembru, 2006 (File Nru. LA 49/49/46ff) f'paġna 10,329 wara l-paragrafu "Id-dar bin-numru 26 fi Triq Desain huwa ta' elf u ħames mitt Lira Maltija (Lm1,500)" għandu jiżdied dan li ġej:–

Id-dar bin-numri 27 u 28 fi Triq Desain huwa ta' elf u erba' mitt Lira Maltija (Lm1,400).

2/5 sehem indiviż fuq il-mezzanin bin-numru 29 fi Triq Desain huwa ta' mija u tlieta u tletin Lira Maltija u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm130.33).

Id-dar bin-numri 30 u 31 fi Triq Desain huwa ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltija (Lm2,400).

Id-dar bin-numru 32 fi Triq Desain huwa ta' elf u mitejn Lira Maltija (Lm1,200).

Id-dar bin-numri 33 u 34 fi Triq Desain huwa ta' elfejn u mitejn Lira Maltija (Lm2,200).

It-terran bin-numru 35 fi Triq Desain huwa ta' erba' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm450).

Id-dar bin-numru 36 fi Triq Desain huwa ta' tmien mitt Lira Maltija (Lm800).

Id-dar bin-numru 37 fi Triq Desain huwa ta'seba' mitt Lira Maltija (Lm700).

4/5 sehem indiviż fuq il-mezzanin bin-numri 61, 63 u 64 fi Triq il-Mina l-Kbira huwa ta' elf u sitt mitt Lira Maltija (Lm1,600).

Id-dar bin-numri 67 u 68 fi Triq il-Mina l-Kbira huwa ta' elfejn Lira Maltija (Lm2,000).

13/15 sehem indiviż fuq il-mezzanin bin-numru 29 fi Triq Desain huwa ta' tmien mija u sitta u sittin Lira Maltija u sitta u sittin ċenteżmu (Lm866.66).

Dan ir-rapport sar skond l-istima li hawn ma' din id-dikjarazzjoni kif din saret mill-Perit Arkitett Stefan Scotto A.& C.E.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1013

ACQUISITION OF LAND

WITH reference to Government Notice No. 984 published in the Government Gazette No. 18,000 of the 22nd November, 2006 (File No. LA 49/49/46ff) on page 10,329 after the paragraph "The house with the number 26 in Triq Desain is of one thousand and five hundred Maltese Lira (Lm1,500)." the following should be included:–

The house with the number 27 and 28 in Triq Desain is of one thousand four hundred Maltese Lira (Lm1,400).

2/5 undivided share overlying the mezzanine numbered 29 in Triq Desain is of one hundred and thirty three Maltese Lira and thirty three cents (Lm130.33).

The house with the numbers 30 and 31 in Triq Desain is of two thousand four hundred Maltese Lira (Lm2,400).

The house with the number 32 in Triq Desain is of one thousand two hundred Maltese Lira (Lm1,200).

The house with the numbers 33 and 34 in Triq Desain is of two thousand two hundred Maltese Lira (Lm2,200).

The house with the number 35 in Triq Desain is of four hundred and fifty Maltese Lira (Lm450).

The house with the number 36 in Triq Desain is of eight hundred Maltese Lira (Lm800).

The house with the number 37 in Triq Desain is of seven hundred Maltese Lira (Lm700).

4/5 undivided share overlying the mezzanine numbered 61, 63 and 64 in Triq il-Mina l-Kbira is of one thousand and six hundred Maltese Lira (Lm1,600).

The house with the numbers 67 and 68 in Triq il-Mina l-Kbira is of two thousand Maltese Lira (Lm2,000).

13/5 undivided share overlying the mezzanine numbered 29 in Triq Desain is of eight hundred sixty six Maltese Lira and sixty six cents (Lm866.66).

This report has been made according to the valuation published with this declaration as made by Architect Stefan Scotto A.& C.E.

1st December, 2006

Nru. 1014

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 19 ta' l-Att dwar il- Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Cora Vella, LL.D., Arkivista u Nutar Prinċipali tal-Gvern bħala Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Carmelo Farrugia, LL.D.

Christine Micallef
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili

It-28 ta' Novembru, 2006

No. 1014

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 19 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr. Cora Vella, LL.D., Archivist and Chief Notary to Government to be Notary Keeper for Notary Carmelo Farrugia, LL.D.

Christine Micallef
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

28th November, 2006

Nru. 1015

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor Marisa Grech, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-21 ta' Novembru, 2006 sal-25 ta' Novembru, 2006.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-28 ta' Novembru, 2006

No. 1015

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marisa Grech, LL.D. to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Mark Anthony Sammut, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 21st November 2006 till the 25th November, 2006.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

28th November, 2006

Nru. 1016

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat in-Nutar Dottor

No. 1016

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts

Marco Buttigieg, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit- 30 ta' Novembru, 2006 sad-9 ta' Diċembru, 2006.

Christine Micallef
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-28 ta' Novembru, 2006

has appointed Notary Dr. Marco Buttigieg, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr. Marco Burlò, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 30th November, 2006 till the 9th December, 2006.

Christine Micallef
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

28th November, 2006

Nru. 1017

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar is-Sibt u t-Tlieta, it-2 u l-5 ta' Diċembru 2006, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku meta jkunu taħt il-kontroll ta' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1017

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Saturday and Tuesday, 2nd and 5th December 2006, from 4.00 p.m. onwards the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Malta Tourism Authority.

1st December, 2006

Nru. 1018

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
133	Saint Angelo Mansions Garage Complex Vittoriosa Marina Vittoriosa	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	27/11/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

L-1 ta' Diċembru, 2006

No. 1018

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
133	Saint Angelo Mansions Garage Complex Vittoriosa Marina Vittoriosa	Reġistrazzjoni tar-regolamenti/ *Registration of Rules*	27/11/2006

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

1st December, 2006

Nru. 1019

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1019

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala ta' Gwardjani Privati ma' Aġenziji
Application for licence of Private Guard Agency

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Jonathan Bugeja	464778 (M)	21, "Casa Cherida", Triq il-Biżantini, Marsaxlokk

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Ruben Azzopardi	318585 (M)	"Is-Sebħ", Vjal ix-Xarolla, Żurrieq
Anna (Anna Agnes) Ronayne	685262 (M)	10, "Arcadia Ville", Triq il-Klematis, Santa Luċija
Christine Muscat	56365 (M)	109, "Madonnina Mia", Triq ir-Rizza, Birżebbuġa
Mariella Magro	76983 (M)	30, "Loumar", Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola
Aaron Caruana	426088 (M)	5, Triq Vendone, Żejtun
Charlot Farrugia	462579 (M)	30, "St. Rita", Triq il-Ħarriġiet, Mqabba
John Tanti	176553 (M)	4, "M. Fatima", Triq Sant'Antnin, Żejtun
Melanie Camilleri	415481 (M)	14, Triq iż-Żebbiegħa, Birkirkara
Khales Abdulsalem Abugrin	20897 (A)	38, Triq San Stiefnu, Birżebbuġa
Francesco Fenech	74088 (M)	7, "Hadrian", Flat 5, Triq l-Imsieraħ, San Ġwann
Clinton Gatt	584478 (M)	8, Triq l-Iskola, Żejtun
Noel Micallef	1684 (G)	28, Triq Monsinjur Ġużeppi Farrugia, Rabat, Għawdex
Donald Micallef	12387 (G)	28, Triq Monsinjur Ġużeppi Farrugia, Rabat, Għawdex
Christopher Zahra	5381 (M)	Residual Blok, Flat 2, Triq Wiġi Rosato, Bormla
Sinclair Brincat	102386 (M)	"St. Helen", Triq San Tumas, Fgura

Liviu Radu	36716 (A)	"Yorkshire Rose", Triq is-Sajf ta' San Martin, Baħrija, Rabat
Jesmond Zahra	111172 (M)	Flat 22, Ġebel ta' San Martin, Binja San Klement, Indipendenza, Żejtun
Nikolai Debattista	410588 (M)	3, Triq San Pietru, Kirkop
Francesca Cortis	43188 (M)	5, Sqaq Numru 6, Triq il-Kbira, Qormi
Carlos Briffa	103687 (M)	79, "Alice", Triq John Borg, Birkirkara
Diane Formosa	281982 (M)	190, "St Anne", Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żejtun
Matthew Saliba	136288 (M)	6, Flat 5, Triq San Publiju, Floriana
Robert Bugeja	391887 (M)	6, "Manrit", Triq il-Kittenija, Żurrieq
Clifford Galea	141778 (M)	108, Triq Isouard, Marsa
Edmond Brincat	218773 (M)	61, "Confred", Triq il-Qalb Imqaddsa, Żabbar
Renie Fava	305083 (M)	"Ġesù Redentur", Triq Cospicua, Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjataghha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-1 ta' Diċembru, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

1st December, 2006

Nru. 1020

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 1020

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 11. 06	Lm6.76c6	15c0
27. 11. 06	Lm6.79c3	15c3
28. 11. 06	Lm6.81c6	15c3
29. 11. 06	Lm6.74c7	15c5
30. 11. 06	Lm6.72c9	15c3

L-1 ta' Diċembru, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Financial Accountant*, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Financial Accountant*, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Financial Accountant*, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Financial Accountant*, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u

1st December, 2006

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services in the Health Division.

2.1. The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services in the Health Division. Unsatisfactory performance as Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual

terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mad-Diviżjoni tas-Saħħa kif ukoll mal-Gvern jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 6 (bħalissa Lm8,684 fis-sena).

3.2. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Financial Accountant*, Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun trasferita għal doveri li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

5. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Financial Accountant,* Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fid-Diviżjoni tas-Saħħa jinkludu:

(a) Tippjana, torganizza u żżomm sistema xierqa ta' kontroll ta' finanzi u *stock* inkluż *budgeting, accounting* u maniġġjar għas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern;

(b) Tħejji rapporti għall-*management* billi tagħti fil-qosor il-pożizzjoni finanzjarja tal-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern f'oqsma ta' dħul, spejjeż, użu tal-kapital u *cash flows*, u tgħin fit-tħejjija ta' pjanijiet strateġiċi, *budgets* u tbassir finanzjarju;

(ċ) Tħejji u tiċċekkja l-*operating and capital budget* annwali tal-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, inkluż ir-reviżjoni u analiżi ta' *programme budgets* u spejjeż; implimentazzjoni u żvilupp ta' reviżjoni ta' *programme budgets* mar-rapporti rispettivi;

period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Health Division as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

3.1. The salary attached to the position of Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services is equivalent to the maximum of Salary Scale No. 6 (currently Lm8,684 per annum).

3.2. In the case that the selected applicant is a Public Officer in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services in the Health Division and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

5. The duties of a Financial Accountant, Government Pharmaceutical Services in the Health Division include:

(a) Planning, organizing and maintaining of an appropriate financial and stock control system including budgeting, accounting and management for the Government Pharmaceutical Services;

(b) Preparation of reports for management summarising the financial position of the Government Pharmaceutical Services in areas of income, expenses, capital usage and cash flows, and assistance in the preparation of strategic plans, budgets and financial forecasts;

(c) Preparation and monitoring of the annual operating and capital budget of the Government Pharmaceutical Services, including the review and analysis of programme budgets and expenditures; implementation and development of programme budget revisions with respective reports;

(d) Tħejji u żżomm sistema ta' accounting inkluż *general ledger, accounts payable, payroll,* assi fissi eċċ.;

(e) Iżżomm u tqabbel varjetà ta' *ledgers* u *accounts*; teżamina *accounting transactions* biex tkun assigurata l-eżattezza;

(f) Iżżomm reġistru aġġornat ta' assi fissi;

(g) Tħejji u tirrevedi *computer input data* għar-rapporti finanzjarji fix-xahar; tkun responsabbli biex tħejji *statements* finanzjarji annwali;

(h) Tkun responsabbli għall-awtorizzazzjoni ta' xiri u l-approvazzjoni ta' *vouchers* ta' ħlas skond il-proċeduri stabbiliti;

(i) Tippjana, tħejji, tagħti direzzjoni u timplimenta *stocktaking initiatives* kull tant żmien u tirrapporta dwar ir-riżultat lill-*management;*

(j) Tipprovvedi għajnuna teknika u taħriġ lill-*accounting staff* f'livell inqas, skond kif meħtieġ;

(k) Tkun responsabbli għall-proċessi ta' verifiki interni u esterni; tgħin lill-awdituri ta' barra biex ilestu verifiki b'mod li jkunu *cost effective;*

(l) Tuża sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa;

(m) Tagħmel xogħol ieħor relevanti kif ikun meħtieġ.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE);

(d) Preparation and maintaining of the accounting system including general ledger, accounts payable, payroll, fixed assets, etc.;

(e) Maintaining and reconciliation of a variety of ledgers and accounts; examination of accounting transactions to ensure accuracy;

(f) Maintaining of an up to date fixed asset register;

(g) Preparation and review of computer input data for monthly financial reports; responsibility for the preparation of the annual financial statements;

(h) Responsibility for the authorisation of purchases and approval of payment vouchers according to established procedures;

(i) Planning, preparation, direction and implementation of periodic stock taking initiatives and reporting on the outcome thereof to management;

(j) Provision of technical assistance and training to lower level accounting staff as required;

(k) Responsibility for internal and external audit processes, support to outside auditors to complete audits in a cost effective manner;

(l) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division;

(m) Any other relevant duties as may be required.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) (i) ikollhom Lawrja fl-*Accountancy* jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas erba' snin esperjenza ta' xogħol relevanti preferibbilment f'organizzazzjonijiet kbar bħala *manager*; jew

(ii) ikollhom Lawrja jew kwalifika oħra komparabbli xierqa kif indikat hawn fuq u lawrja ta' wara l-gradwazzjoni fl-*Accountancy*, jew kwalifika oħra komparabbli xierqa u mill-inqas sentejn esperjenza ta' xogħol relevanti preferibbilment f'organizzazzjonijiet kbar bħala *manager;*

d) ikollhom is-*Certified Public Accountant (CPA) Warrant* maħruġ mill-*Accountancy Board* ta' Malta;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) (i) be in possession of a first degree in Accountancy or other appropriate comparable qualification and a minimum of 4 years relevant work experience preferably within large organisations in a managerial capacity; or

(ii) be in possession of first degree or other appropriate comparable qualification as specified above and a post-graduate degree in Accountancy, or other appropriate comparable qualification and a minimum of 2 years relevant work experience, preferably within large organisations in a managerial capacity;

d) be in possession of a Certified Public Accountant (CPA) Warrant issued by the Accountancy Board of Malta;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Malta Public Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-agreement, li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema agreement jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-Management and Personnel Office fl-indirizz : http://www.mpo.gov.mt

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-fax tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

